MALTA

# QORTI KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Numru 769/2003

**Pulizija Spettur**
**Carmelo Bartolo**
**vs**
**Salvina sive Sylvia Briffa**

**Sentenza:-**

Qorti: Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra Salvina sive Sylvia Briffa ta' 35 sena mart Julian u bint il-mejjet Francis Farrugia u Antonia nee' Cutajar mwielda Pieta' nhar il-12 ta' Dicembru 1967 u toqghod 27, Johan Misrah il-Fidwa Mqabba u li ghandha l-Karta ta' l-Identita' bin-numru 17568-M.

Akkuzata talli f'Attard matul il-perjodu ta' bejn l-10 ta' Settembr 2003, u x-xhur ta' qabel din id-data f'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

(1) f’xi jum matul ix-xahar ta’ Lulju, 2003 f’Attard ikomettit serq ta’ oggetti u cioe’ flus ikwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltija bil-persuna kif ukoll bil-lok u li sar ghad-detrement ta’ Christopher u martu Katya Vassallo Cesareo minn Attard.

(2) kif ukoll bhar l-10 ta’ Settembru 2003 ghall-habta tal-hdax ta’ filghodu f’Attard ikomettit serq ta’ oggetti cioe’ ghaxar liri maltin ikwalifikat bil-lok kif ukoll bil-persuna li sar a detriment ta’ Christopher u martu Katya Vassallo Cesareo minn Attard.

(3) Fl-ahharnett qed tigi akkuzata talli f’dawn il-gzejjer nhar l-10 ta’ Settembru 2003 u fix-xhur ta’ qabel din id-data xjentement laqghet ghandha u xtrat hwejjeg misruqa mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li tkun indahhlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom.

Il-Qorti rat l-att kollha tal-kawza, rat l-ammissjoni ta’ l-imputat u tah zmien biex terga’ tahsiba izda ppersistit fir-risposta taghha. Semmet bil-gurament tad-derubata illi l-flus inghataw lura lill-derubata.

Ikkonsidrat illi l-imputata ikkolaborat ma’ l-pulizija; hallset kollox; ghandha pedina penali netta; kif ukoll ammettit fi stat bikri. Ghal dawn ir-ragunijiet wara li rat l-artikoli 17, 18. 261, 268, 269 u 334 tal-Kap 9 ssib lill-imputata hatja izda qed tillibera bil-kundizzjoni li ma taghmilx rejat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-artiklu 22 tal-Kap 446 lill-imputata fi kliem semplici.

**DR LAWRENCE QUINTANO**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------